KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fid-19 ta' Settembru 2019 [1]

Kawża C-523/18

Engie Cartagena S.L.
vs
Ministerio para la Transición Ecológica,
fil-preżenza ta':
Endesa Generación SA,
EDP España SAU,
Bizkaia Energía, SL,
Iberdrola Generación SAU,
Tarragona Power SL,
Bahia de Bizkaia Electricidad SL,
Viesgo Generación, SL

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari - Regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku - Direttiva 2003/54 - Artikolu 3(2) - Direttiva 2009/72 - Artikolu 3(2) - Applikabbiltà - Kunċett ta' 'obbligu ta' servizz pubbliku'"

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12 Vol. 2 p. 211) u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55).

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Engie Cartagena S.L. ("ir-rikorrenti") u l-Ministerio para la Transición Ecológica (il-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika, Spanja) dwar il-legalità tal-kontribuzzjoni li l-kumpanniji tal-elettriku huma meħtieġa li jagħmlu għall-finanzjament tal-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija u l-effiċjenza tal-enerġija.

3. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiċċara t-tifsira tal-kunċett ta' "obbligu ta' servizz pubbliku" (iktar 'il quddiem l-"OSP") kif stabbilita fl-Artikolu 3(2) kemm tad-Direttiva 2003/54 kif ukoll tad-Direttiva 2009/72. Madankollu, huwa konvenjenti li l-ewwel tiġi pprovduta l-leġiżlazzjoni Ewropea.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2003/54

4. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54, intitolat "L-Obbligi tas-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-klijent" kien jipprovdi:

"F'kunsiderazzjoni sħiħa lejn id-disposizzjonijiet relevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 miġjub fih, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi li jkunu qed jaħdmu fis-settur ta' l-elettriku, u fl-interess ekonomiku ġenerali, l-obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu marbuta mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti u l-protezzjoni ta' l-ambjent, inklużi l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-protezzjoni tal-klima. Obbligi bħal dawn għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, non-diskriminatorji, li jistgħu jiġu verifikati, u għandhom jiggarantixxu l-ugwaljanza ta' l-aċċess li l-kumpaniji ta' l-elettriku ta' l-UE ikollhom għall-klijenti nazzjonali. B'rabta mas-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza ta' l-enerġija/amministrazzjoni ta' xiri u bejgħ u għat-twettiq ta' l-għanijiet ambjentali, kif hemm imfisser f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-implimentazzjoni ta' ppjanar għal żmien twil, waqt li tkun kunsidrata l-possibilità li terzi partijiet jistgħu jitolbu li jkollhom aċċess għas-sistema."

2. Id-Direttiva 2009/72

5. Id-Direttiva 2003/54 tħassret bid-Direttiva 2009/72. Skont l-Artikolu 48 tad-Direttiva 2009/72, dan it-tħassir seħħ fit-3 ta' Marzu 2011 u r-riferimenti magħmula għad-direttiva mħassra tal-aħħar għandhom jinftiehmu bħala riferimenti għad-Direttiva 2009/72.

6. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/72 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, abbażi tal-organizzazzjoni istituzzjonali tagħhom u b'kont dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-impriżi tal-elettriku jiħaddmu konformement mal-prinċipji ta' din id-Direttiva bil-ħsieb li jintlaħaq suq kompetittiv, sigur, u ambjentalment sostenibbli fil-qasam tal-elettriku, u dawn ma għandhomx jiddiskriminaw bejn dawk l-impriżi fejn jikkonċerna d-drittijiet jew l-obbligi tagħhom.

2. B'konsiderazzjoni sħiħa għad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi li jkunu qed jaħdmu fis-settur tal-elettriku, u fl-interess ekonomiku ġenerali, l-obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu marbuta mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti u l-protezzjoni ambjentali, inklużi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ill-enerġija minn sorsi li jiġġeddu u l-protezzjoni tal-klima. Tali obbligi għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorji, verifikabbli u għandhom jiggarantixxu l-ugwaljanza tal-aċċess lill-impriżi tal-elettriku [tal-Unjoni] għall-konsumaturi nazzjonali. Fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija/il-ġestjoni tad-domanda kif ukoll il-kisba tal-għanijiet ambjentali u tal-għanijiet fir-rigward tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu, kif imsemmi f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-implimentazzjoni ta' ppjanar għal perjodu fit-tul, meta titqies il-possibilità li terzi persuni jitolbu aċċess għas-sistema.

[…]

6. Meta jkun hemm kumpens finanzjarju, forom oħra ta' kumpens u drittijiet esklussivi li Stat Membru jagħti għat-twettiq tal-obbligi previsti fil-paragrafi 2 u 3, dan għandu jsir b'mod non-diskriminatorju u trasparenti.

[…]

14. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 8, 32 u/jew 34 kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' xxekkel il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-verità, tal-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali, u kemm-il darba l-iżvilupp tas-sengħa ma jkunx affettwat b'tali mod li jkun imur kontra l-interessi tal-[Unjoni]. L-interessi tal-[Unjoni] jinkludu, inter alia, il-kompetizzjoni fir-rigward tal-klijenti eliġibbli konformement ma' din id-Direttiva u l-Artikolu 86 tat-Trattat.

[…]"

B. Id-dritt nazzjonali

7. Ir-Real Decreto-ley 14/2010, de 23 de diciembre, por el que se establecen medidas urgentes para la corrección del déficit tarifario del sector eléctrico (id-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 tat-23 ta' Diċembru li jistabbilixxi Miżuri Urġenti għall-Korrezzjoni tad-Defiċit Tariffarju fis-Settur tal-Elettriku) (BOE Nru 312 tal-24 ta' Diċembru 2010, p. 106386) jagħmel parti mill-pakkett ta' miżuri kontra d-"defiċit tariffarju", li huwa ġeneralment mifhum bħala d-diskrepanza bejn l-ispejjeż tas-sistema elettrika u d-dħul irċevut mill-prezzijiet tal-elettriku (fl-ismijiet ġuridiċi diversi tagħhom) irregolata mir-Renju ta' Spanja [2]. Sabiex inaqqas dan id-defiċit, id-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 jqiegħed temporanjament, għas-snin 2011, 2012 u 2013, il-finanzjament tal-pjanijiet ta' ekonomija u effiċjenza tal-enerġija fuq l-impriżi msemmija fit-tielet dispożizzjoni addizzjonali.

8. Il-premessi tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 jipprovdu:

"It-tieni nett, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż attribwibbli lit-tariffa, l-impriżi produttriċi taħt is-sistema ordinarja għandhom jiffinanzjaw il-pjan ta' azzjoni 2008-2012, adottat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tat-8 ta' Lulju 2005 li timplimenta l-miżuri previsti mid-dokument 'Strateġija ta' ekonomija u effiċjenza tal-enerġija fi Spanja għall-perijodu 2004-2012'. Barra minn hekk, il-perċentwali tal-kontribuzzjoni minn kull waħda mill-impriżi għall-finanzjamanet tiegħu huma fissi, bil-konsegwenza li d-dispożizzjonijiet tal-Ley de Presupuestos Generales del Estado de 2011 (l-Att dwar il-Baġit Ġenerali tal-Istat għas-sena 2011) kellhom jiġu emendati."

2 Il-miżuri l-iktar importanti fost dawk li ġew adottati mil-leġiżlatur biex inaqqas id-defiċit huma dawn li ġejjin: (i) ir-regolamentazzjoni tal-ispejjeż attribwibbli lis-sistema u tal-ħlasijiet minn dawk involuti f'din is-sistema; (ii) l-approvazzjoni tal-ħlasijiet u tat-tariffa regolata; (iii) il-ġbir tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, fiskali u mhux fiskali; u (iv) l-adozzjoni ta' ċerti spejjeż mill-baġit ġenerali tal-Istat.

9. Skont it-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 intitolata "Finanzjament ta' programmi tal-ekonomija u ta' effiċjenza tal-enerġija għas-snin 2011, 2012 u 2013":

"1. L-ammonti pagabbli mis-sistema elettrika maħsuba għall-finanzjament tal-pjan ta' azzjoni 2008-2012, approvat bl-Acuerdo de Consejo de Ministros de 8 de julio de 2005, por el que se concretan las medidas del documento de 'Estrategia de ahorro y eficiencia energética en España 2004-2012' aprobado por Acuerdo de Consejo de Ministros de 28 de noviembre de 2003 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tat-8 ta' Lulju 2005 li timplimenta l-Miżuri Previsti mid-dokument intitolat 'Strateġija ta' Ekonomija u Effiċjenza tal-Enerġija fi Spanja għall-perijodu 2004-2012' approvat b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tat-28 ta' Novembru 2003, li jammontaw rispettivament għal EUR 270 miljun u għal EUR 250 miljun għas-snin 2011 u 2012, huma ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet minn kull waħda mill-impriżi produttriċi, skont il-perċentwali stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Impriża	Perċentwal
Endesa Generación, SA	34.66
Iberdrola Generación, SA	32.71
GAS Natural S.D.G, SA	16.37
Hidroeléctrica del Cantábrico, SA	4.38
E.ON Generación, SL	2.96
AES Cartagena, SRL	2.07
Bizkaia Energía, SL	1.42
Castelnou Energía, SL	1.58
Nueva Generadora del Sur, SA	1.62
Bahía de Bizkaia Electricidad, SL	1.42
Tarragona Power, SL	0.81
Total	100.00

2. L-ammonti pagabbli mis-sistema elettrika maħsuba għall-pjan approvat bid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri, fuq il-bażi msemmija fil-paragrafu 1, huma ffinanzjati fl-2013 permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-impriżi produttriċi, skont il-perċentwali stabbiliti fil-paragrafu 1, li ma jistgħux jaqbżu l-ammont ta' EUR 150 milljun."

II. Il-fatti

10. Il-pjan ta' azzjoni 2008-2012, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tat-8 ta' Lulju 2005 li jimplementa l-Miżuri Previsti mid-dokument intitolat "Strateġija ta' Ekonomija u Effiċjenza tal-Enerġija fi Spanja għall-perijodu 2004-2012" (iktar 'il quddiem il-"pjan ta' azzjoni") kien ibbażat fuq il-promozzjoni tal-ekonomija u l-effiċjenza tal-enerġija bħala bażi għall-protezzjoni soċjali, l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività tal-industrija. L-għanijiet strateġiċi tiegħu kienu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni tal-ekonomija u l-effiċjenza tal-enerġija fl-istrateġiji nazzjonali kollha, b'mod partikolari fl-istrateġija Spanjola għal tibdil fil-klima; il-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq abbażi tal-prinċipju gwida ta' ekonomija u effiċjenza tal-enerġija; u l-konsolidazzjoni tal-pożizzjoni tar-Renju ta' Spanja fuq quddiem nett fl-ekonomija u l-effiċjenza tal-enerġija.

11. Fil-bidu, l-ispejjeż iġġenerati mill-pjan ta' azzjoni kienu koperti mill-ispejjeż ta' aċċess għall-gas naturali u l-elettriku. Madankollu, id-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 mmodifika din is-sitwazzjoni billi stabbilixxa li l-pjan ta' azzjoni għandu jiġi ffinanzjat esklużivament mill-impriżi li jiġġeneraw l-elettriku. It-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 telenka l-11-il impriżi li huma marbuta jikkontribwixxu skont il-perċentwali stabbilita.

12. L-Orden IET/75/2014, de 27 de enero, por la que se regulan las transferencias de fondos, con cargo a las empresas productoras de energía eléctrica, de la cuenta específica de la Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia al Instituto para la Diversificación y Ahorro de la Energía, en el año 2013, para la ejecución de las medidas del Plan de Acción de Ahorro y Eficiencia Energética 2011-2020, y los criterios para la ejecución de las medidas contempladas en dicho plan (id-Digriet Ministerjali IET/75/2014 (tal-Ministeru għall-Industrija, għall-Enerġija u għat-Turiżmu) tas-27 ta' Jannar, li jirregola t-trasferimenti ta' fondi, pagabbli mill-impriżi li jiġġeneraw l-elettriku, mill-kont speċifiku tal-Kummissjoni Nazzjonali tas-Swieq u tal-Kompetizzjoni tal-Istitut għad-Diversifikazzjoni u għall-Iffrankar tal-Enerġija fl-2013 għall-implimentazzjoni tal-miżuri skont il-pjan ta' azzjoni 2011-2020 ta' ekonomija u effiċjenza tal-enerġija, u l-kriterji għall-implementazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan il-pjan) BOE Nru 25 tad-29 ta' Jannar 2014, p. 5875; iktar 'il quddiem id-"Digriet ikkontestat") ġie adottat abbażi tat-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010.

13. L-Artikolu 2 tad-Digriet ikkontestat jipprovdi li l-ammont allokat għall-pjan ta' azzjoni għas-sena 2013 huwa ta' EUR 150 000 000. Engie Cartagena SL, li ssemmiet taħt l-isem preċedenti tagħha AES Cartagena, SRL, kellha tħallas EUR 3 105 000 peress li, skont it-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010, hija kellha tkopri 2.07% mill-ispiża totali.

14. Fil-31 ta' Jannar 2014, ir-rikorrenti (li dakinhar kienet GDF Suez Cartagena Energía SL ippreżentat rikors amministrattiv kontenzjuż kontra d-digriet ikkontestat quddiem l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja). Fir-rikors tagħha, ir-rikorrenti talbet l-annullament tad-digriet u r-rikonoxximent ta' dritt għar-rifużjoni tal-indebitu abbażi ta' dan id-digriet bħala kumpens. B'mod partikolari, Engie Cartagena tikkontesta l-perċentwali (2.07%) li hija kellha tħallas għall-finanzjament tal-pjan ta' azzjoni, li ġiet implementata bid-Digriet-Liġi Rjali 14/2010.

III. It-talba għal deċiżjoni preliminari

15. Ir-rikorrenti argumentat b'mod partikolari li l-kriterji u l-prinċipji stabbiliti fis-sentenzi tal-20 ta' April 2010, Federutility *et* (C-265/08, EU:C:2010:205) u tas-7 ta' Settembru 2016, ANODE (C-121/15, EU:C:2016:637), li jirregolaw l-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku, ma ġewx issodisfatti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

16. Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-validità tad-digriet ikkontestat inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tiddependi mill-konformità tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 mad-dritt tal-Unjoni u, fil-prattika, minn jekk dan id-Digriet-Liġi Rjali jirrispettax il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54 u tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72.

17. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li, peress li l-kontribuzzjoni obbligatorja msemmija fid-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 għandha l-iskop li tiffinanzja programm ta' effiċjenza li l-għan u l-iskop dirett tiegħu hu li jittieħdu miżuri rigward il-protezzjoni tal-ambjent, inkluż il-protezzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-klima, din il-kontribuzzjoni obbligatorja għandha titqies bħala li tikkostitwixxi OSP.

18. Madankollu, din il-qorti għandha d-dubji dwar il-kompatibbiltà tat-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 mad-dritt tal-Unjoni, peress li l-kontribuzzjoni obbligatorja stabbilita f'din id-dispożizzjoni ma hijiex iddefinita b'mod trasparenti, nondiskriminatorju u verifikabbli u, għaldaqstant, ma tiggarantixxix lill-impriżi aċċess ugwali għal konsumaturi, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54 u mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72. B'mod partikolari, il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma fiha l-ebda indikazzjoni dwar għaliex huma biss ċerti impriżi li għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-pjan ta' azzjoni, jew l-ebda informazzjoni dwar il-kriterju li ġie applikat sabiex jiġu ddeterminati l-perċentwali tal-kontribuzzjonijiet mill-kontributuri [3].

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"[1.] Tikkostitwixxi obbligu ta' servizz pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tad-Direttivi 2003/54/KE u 2009/72/KE it-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010?

[2.] Jekk din id-dispożizzjoni effettivament tikkostiwixxi obbligu ta' servizz pubbliku, dan l-obbligu huwa ddefinit b'mod ċar, transparenti, mhux diskriminatorju u verifikabbli?"

IV. Evalwazzjoni

20. L-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54 u tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72.

21. Għandu qabel kollox jiġi enfasizzat li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 jirriproduċi f'termini analogi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54 [4]. Għalhekk, għal raġunijiet ta' konvenjenza ser nillimita l-analiżi tiegħi għall-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72. Madankollu, din l-analiżi tapplika għaż-żewġ dispożizzjonijiet.

22. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' finanzjament tal-miżuri ta' pjan ta' azzjoni, bħal dak imsemmi fit-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010, jistax jikkostitwixxi OSP fis-sens tal-Artikolu 3(2).

23. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 jipprovdi li "[b]'konsiderazzjoni sħiħa għad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 86 [li sar l-Artikolu 106 TFUE] tiegħu, l-Istati Membri jistgħu jimponu fuq impriżi li jkunu qed jaħdmu fis-settur tal-elettriku, u fl-interess ekonomiku ġenerali, l-obbligi tas-servizz pubbliku li jistgħu jkunu marbuta mas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tal-provvista, ir-regolarità, il-kwalità u l-prezz tal-provvisti u l-protezzjoni ambjentali" [5].

24. Filwaqt li la d-Direttiva 2003/54 u lanqas id-Direttiva 2009/72 ma jiddefinixxu l-kunċett ta' OSP, huwa pjuttost ċar li d-definizzjoni ta' dan il-kunċett ma hijiex kwistjoni ta' dritt nazzjonali.

3 Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru 2016 (167/2016), it-Tribunal Constitucional (Il-Qorti Kostituzzjonali, Spanja) iddeċidiet li t-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 ma tiksirx il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

4 Id-differenzi prinċipali bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma, l-ewwel nett, li d-Direttiva 2009/72, kuntrarjament għad-Direttiva 2003/54, tipprovdi espressament li għan ta' protezzjoni tal-ambjent imfittex mill-OSP, ikopri miżuri li jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli u l-protezzjoni tal-klima u t-tieni nett, li l-ippjanar fit-tul li l-Istati huma intitolati li jintroduċu, jista' jimmira li jiżgura l-għanijiet rigward l-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli. Dawn id-differenzi ma humiex rilevanti sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja.

5 Din il-lista ta' modi ta' azzjoni ma hijiex eżawrjenti. Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, ANODE (C-121/15, EU:C:2016:637, punt 50), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża ta' ANODE (C-121/15, EU:C:2016:248, punt 52).

25. Ċertament, il-premessa 50 tad-Direttiva 2009/72 tipprovdi li "[i]r-rekwiżiti tas-servizz pubbliku għandhom jiġu definiti fuq bażi nazzjonali, filwaqt li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi nazzjonali; Il-liġi tal-[Unjoni] għandha, madanakollu, tkun rispettata mill-Istati Membri." Madankollu, tali indikazzjoni timplika li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu jekk għandhomx jiġu imposti OSP fuq ċerti impriżi, filwaqt li jiżguraw li tali obbligi jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni [6]. Fl-assenza ta' riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex tiġi ddeterminata t-tifsira ta' dan il-kunċett, huwa għandu neċessarjament jingħata, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi [7].

26. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2), miżura għandha tissodisfa żewġ kundizzjonijiet sabiex tikklassifika bħala OSP, jiġifieri, l-ewwel nett, li tkun maħsuba sabiex tikseb għan ta' interess ekonomiku ġenerali [8] u, it-tieni nett, li jkollha l-effett li teħtieġ lill-impriżi kkonċernati jadottaw aġir speċifiku li ma kinux jadottaw f'sitwazzjoni ta' suq miftuħ [9].

27. Fil-kawża prinċipali, ir-rikorrenti jsostnu li mill-mument meta l-miżura tissodisfa dawn iż-żewġ kundizzjonijiet relatati mal-għan u l-effett ta' din il-miżura, din il-miżura għandha tiġi kklassifikata bħala OSP. Ir-rikorrenti jsostnu li peress li l-obbligu ta' finanzjament ta' pjan ta' azzjoni għandu l-effett li jeħtieġ lid-destinatarji ta' dan l-obbligu li jadottaw aġir speċifiku, tali obbligu għandu jiġi kklassifikat bħala OSP sa fejn dan l-obbligu huwa bbażat fuq il-kisba ta' servizz ta' interess ġenerali pubbliku.

28. Minn naħa tiegħi, jien ma nikkondivix din il-fehma. Fil-fatt, jien nemmen li sabiex miżura titqies bħala OSP fis-sens tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72, miżura għandha mhux biss tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, iżda għandha wkoll tobbliga lill-impriżi jwasslu jew jipprovdu ċerti servizzi jew oġġetti bħala parti minn dan l-obbligu. L-obbligu ta' ħlas ta' flus waħdu lill-Istat jew lill-entità tal-Istat permezz ta' taxxa, miżata jew permezz ta' miżura parafiskali ma jistax jitqies bħala OSP f'dan is-sens [10].

29. Kif ser nispjega, din il-fehma tirriżulta mit-tifsira komuni mogħtija lill-kunċett ta' OSP taħt id-dritt tal-Unjoni, kif ukoll mill-formulazzjoni, il-kuntest u l-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72.

6 Sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, ANODE (C-121/15, EU:C:2016:637, punt 44).

7 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2008, Nordania Finans u BG Factoring (C-98/07, EU:C:2008:144, punt 17). Fil-kawża preżenti, ir-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi huwa aggravat mill-fatt li l-Artikolu 3(14) tad-Direttiva 2009/72 (li kien l-Artikolu 3(8) fid-Direttiva 2003/54) jipprovdi li l-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala OSP skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva tippermetti lill-miżura tidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Id-derogi jirrigwardaw il-proċedura għal awtorizzazzjoni ta' kapaċitajiet ġodda (Artikolu 7), il-proċedura ta' sejħa għal offerti fir-rigward ta' kapaċitajiet ġodda (Artikolu 8), l-aċċess lil terzi għal sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni (Artikolu 32) u l-provvista lill-konsumaturi permezz ta' linji diretti (Artikolu 34).

8 Ara s-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, ANODE (C-121/15, EU:C:2016:637, punt 36); ara, b'analoġija, rigward id-Direttiva 2003/55/KE, is-sentenza tal-20 ta' April 2010, Federutility *et* (C-265/08, EU:C:2010:205, punt 22) u, rigward id-Direttiva 2003/54/KE, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 42).

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, ANODE (C-121/15, EU:C:2016:637, punt 30) u b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 42). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, rigward id-Direttiva 2009/73, li tirrifletti d-Direttiva 2009/72 dwar is-settur tal-gass, li jekk l-Istati Membri huma meħtieġa, skont l-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2003/54 (simili għall-Artikolu 3(15) tad-Direttiva 2009/72), li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kollha adottati biex ikunu ssodisfatti l-obbligi tas-servizz pubbliku, in-nuqqas ta' notifika ma hijiex biżżejjed waħdiha sabiex wieħed juri li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tikkostitwixxix OSP. Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861), punt 39.

10 F'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-fatt li s-sentenza ta' ANODE ma tagħmilx direttament riferiment għal din il-kundizzjoni huwa rrilevanti. Fil-fatt, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni preliminari, hija tagħti din id-deċiżjoni sabiex twieġeb id-domandi magħmula u mhux sabiex tistabbilixxi b'mod eżawrjenti s-sistema legali tal-miżuri inkwistjoni. Peress li f'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx saritilha domanda dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' OSP, u lanqas dwar jekk il-miżura, bħall-miżura inkwistjoni f'din il-kawża, kinitx OSP, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx meħtieġa li tispeċifika, b'mod eżawrjenti, il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni ta' miżura bħala OSP.

30. Rigward it-tifsira komuni mogħtija lill-kunċett ta' OSP taħt id-dritt tal-Unjoni, la t-TFUE u lanqas it-TUE ma jagħmlu riferiment għal dan il-kunċett. Madankollu, it-Trattati jagħmlu riferiment għas-"servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali", li l-kisba tagħhom għandha tkun, kif irrimarkat qabel, l-għan ta' kwalunkwe OSP [11].

31. B'mod partikolari, l-Artikolu 106 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 90 tat-Trattat KEE u sussegwentement l-Artikolu 86 tat-Trattat KE) jipprovdi li l-impriżi inkarigati mill-ġestjoni ta' tali servizzi huma suġġetti għar-regoli tat-Trattati biss sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma xxekkilx il-prestazzjoni, fil-liġi u fil-fatt, tal-kompitu partikolari allokat lilhom [12].

32. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li din id-dispożizzjoni tfittex li tirrikonċilja l-interess tal-Istati Membri li jużaw ċerti impriżi bħala strument ta' politika ekonomika jew soċjali mal-interess tal-Unjoni għall-osservanza tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-unità tas-suq komuni [13].

33. Min-naħa l-oħra, sabiex id-deroga mill-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat stabbiliti fl-Artikolu 106(2) TFUE ikollha effett, l-impriżi inkwistjoni għandhom jiġu inkarigati mill-awtoritajiet pubbliċi mill-ġestjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u għandu jintwera li l-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat ixxekkel il-prestazzjoni tal-kompiti partikolari allokati lil dawn l-impriżi u li l-interessi tal-Unjoni ma humiex affettwati [14].

34. Għalhekk, kemm l-għan kif ukoll il-kontenut tal-Artikolu 106 TFUE jikkorroboraw l-idea li l-kisba ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali tista' teħtieġ l-impożizzjoni ta' ċerti obbligi fuq l-impriżi sabiex jiġu mġiegħla jwettqu kompiti li jaqdu l-interess ekonomiku ġenerali.

35. Bħalma jiġri, jidher li jeżisti qbil ġenerali li l-kunċett ta' "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" jirreferi għal servizzi ta' natura ekonomika li l-Istat Membru jew l-Unjoni jissuġġetta għal obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku abbażi ta' kriterju ta' interess ġenerali. Dawn is-servizzi jagħmlu parti mis-"servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali", kultant magħrufa bħala s-"servizz pubbliku", minkejja li dan l-aħħar kunċett jista' f'ċerti każijiet jirreferi għall-fatt li s-servizz jiġi offrut lill-pubbliku ġenerali jew li s-servizz ingħata rwol speċifiku fl-interess pubbliku jew lill-proprjetà jew l-istatus tal-entità li tipprovdi s-servizz [15].

36. L-espressjoni "servizz pubbliku" tintuża fl-Artikolu 93 tat-TFUE (li qabel kien l-Artikolu 77 tat-Trattat KEE u sussegwentement fl-Artikolu 73 tat-Trattat KE) li jikkonċerna t-trasport. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ssemmi li l-"[m]iżuri ta' għajnuna meħtieġa għall-koordinament tat-trasport, jew li jikkorrispondu ma' rimborżi dwar *ċerti pożijiet li jeżistu fil-prinċipju ta' servizz pubbliku* għandhom ikunu kompatibbli mat-Trattati."[traduzzjoni mhux uffiċjali] [16]

11 Ara wkoll l-Artikoli 14 u 93 TFUE, l-Artikolu 36 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Protokoll 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali.

12 Sostanzjalment, din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi l-fatt li "f'ċerti każijiet is-swieq jonqsu milli jipprovdu l-għanijiet mixtieqa soċjali u, għaldaqstant, jirriżulta nuqqas ta' provvista ta' servizzi mis-suq [u]... f'dawn il-każijiet jista' jkun meħtieġ l-intervent tas-settur pubbliku." [traduzzjoni mhux uffiċjali] Rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2001 tal-Kunsill Ewropew Laeken dwar is-servizzi ta' interess ġenerali (KUM(2001) 598 finali, paragrafu 3).

13 Ara s-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Albany (C-67/96, EU:C:1999:430, punt 103); tal-20 ta' April 2010, Federutility *et* (C-265/08, EU:C:2010:205), punt 28 u s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, ENEL (C-242/10, EU:C:2011:861, punt 41).

14 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 1991, Merci convenzionali Porto di Genova (C-179/90, EU:C:1991:464, punt 26).

15 Avviż tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, White Paper dwar servizz ta' interess ġenerali, COM/2004/374 finali tat-12 ta' Mejju 2004 Anness 1. Il-kunċett ta' "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" ikopri kemm is-servizzi bi ħlas kif ukoll is-servizzi mingħajr ħlas li l-awtoritajiet pubbliċi jikklassifikaw bħala li huma ta' interess ġenerali u suġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku.

16 Korsiv miżjud.

37. Huwa fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li rriżulta l-kunċett ta' OSP [17].

38. L-ewwel nett, fid-Deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 1965, il-Kunsill jagħmel riferiment għall-eżistenza ta' "obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku imposti fuq l-impriżi tat-trasport." [traduzzjoni mhux uffiċjali] [18]. Sussegwentement, fir-Regolament (KEE) Nru 1191/69, il-Kunsill uża l-espressjoni iqsar "OSP" u stabbilixxa l-ewwel definizzjoni ta' dan il-kunċett fl-Artikolu 2(1) tiegħu, jiġifieri "obbligi li l-impriża […], jekk ikollha tqis l-interessi kummerċjali tagħha biss, ma tinkarigax ruħha minnhom jew ma tinkarigax ruħha bl-istess mod jew taħt l-istess kondizzjonijiet." [19].

39. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-eżempji tal-OSP mogħtija fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-regolament - jiġifieri, l-obbligu ta' prestazzjoni, l-obbligu ta' twettiq u l-obbligi tariffarji – kollha jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' servizz speċifiku.

40. Barra minn hekk, l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1191/69 jipprovdi li d-deċiżjoni li jinżamm OSP tista' tkun suġġetta għall-"kondizzjonijiet imfassla biex *itejbu l-qligħ mill-operazzjonijiet affettwati mill-obbligu inkwistjoni*" u li d-deċiżjoni li jintemm OSP "tista' tipprovdi għall-introduzzjoni *ta' servizz alternattiv*" [20].

41. Fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki, jirriżulta b'mod ċar li, skont ir-Regolament Nru 1191/69, l-OSP kien jirreferi biss għall-obbligu li jiġu pprovduti servizzi partikolari [21].

42. Peress li r-Regolament Nru 1191/69 serva bħala mudell għas-servizzi ta' netwerk kollha u sussegwentement għas-servizzi pubbliċi kollha, it-tifsira mogħtija lill-kunċett ta' OSP taħt ir-Regolament Nru 1191/69, saret dik li hija ġeneralment aċċettata fid-dritt tal-Unjoni [22]. Meta ġiet adottata d-Direttiva 2009/72, l-iktar definizzjoni reċenti tal-kunċett ta' OSP fid-dritt tal-Unjoni kienet dik imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 [23], li hija pjuttost simili għad-definizzjoni mogħtija lil dan il-kunċett fir-Regolament Nru 1191/69 [24]. Fil-fatt, l-Artikolu 2(e) tar-Regolament Nru 1370/2007 jiddefinixxi OSP bħala "rekwiżit definit jew determinat minn awtorità kompetenti sabiex jiġu żgurati servizzi tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri fl-interess ġenerali li operatur, li kieku kellu jqis l-interessi kummerċjali tiegħu, ma jassumix jew ma jassumix sa l-istess punt jew taħt l-istess kondizzjonijiet mingħajr kumpens".

17 Jidher li din il-bidla semantika bejn l-"obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku" u l-OSP tirriżulta mill-użu ta' lingwaġġ speċifiku użat minn ċerti esperti fis-settur, li ma kienux avukati, iżda inġiniera jew ekonomisti. Ara Ziani, S., "Du service public à l'obligation de service public", LGDJ, 2015, p. 104.

18 Deċiżjoni tal-Kunsill 65/271 tat-13 ta' Mejju 1965 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kompetizzjoni fit-trasport bil-ferroviji, bit-triq jew bil-passaġġi fuq l-ilma interni [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU Edizzjoni Speċjali bl-Ingliż, 1965, Serje I, p. 67.)

19 Ir-Regolament tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7 Vol. 1, p. 19). Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan tar-Regolament Nru 1191/69 kien li jistabbilixxi sistema li l-Istati Membri għandhom josservaw meta jiddeċiedu li jimponu OSP fuq l-impriżi fis-settur tat-trasport bit-triq, ara s-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415, punt 53).

20 Korsiv miżjuda. Barra minn hekk, wieħed jista' jinnota li l-Artikolu 6(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi li d-"[d]eċiżjonijiet biex jinżamm obbligu ta' servizz pubbliku jew parti minnu, jew li jiġi terminat fl-aħħar ta' perjodu speċifikat, għandhom jipprovdu għal kumpens li għandu jingħata fir-rigward tal-piżijiet finanzjarji li jirrisultaw minn dan". Peress li jkun illoġiku li l-Istati Membri jintalbu jipprovdu kumpens f'każ li l-obbligu ta' finanzjament jiġi tterminat, jista' jiġi dedott ukoll li l-kunċett ta' OSP ma jkoprix l-obbligiu ta' finanzjament.

21 Il-kunċett ta' "servizz" ma għandux jinftiehem f'kuntest legali u għaldaqstant jirreferi għall-provvista ta' servizz jew prodotti skont termini u kundizzjonijiet differenti minn dawk tas-suq.

22 Ara, pereżempju, l-Artikolu 2(o) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi ta' l-ajru tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7 Vol. 1, p. 420) u l-Artikolu 2(4) tar-Regolament Tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6 Vol. 2, p. 10).

23 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU 2007 L 315, p. 1).

24 Lanqas ma jidher li din id-definizzjoni sussegwentement evolviet. Ara pereżempju, l-Artikolu 2(14) tar-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU 2017 L 57, p. 1).

43. Barra minn hekk, diversi dokumenti tal-Kummissjoni jikkonfermaw li dan il-fehim huwa dak li jipprevali b'mod ġenerali. Pereżempju, fil-White Paper dwar is-servizzi ta' interess ġenerali tal-2004 [25], il-Kummissjoni tirrimarka li l-kunċett ta' OSP jirreferi "għar-rekwiżiti speċifiċi li jiġu imposti mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-fornitur tas-*servizz* sabiex jiġi żgurat li ċerti għanijiet ta' interess pubbliku jinkisbu […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [26]. Fid-dokument tagħha intitolat "Qafas ta' Kwalità għas-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-Ewropa" ippubblikat fl-2011, il-Kummissjoni tiddefinixxi l-kunċett ta' "Servizz ta' interess ġenerali" bħala "*servizzi* li l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri jikklassifikaw bħala li huma ta' interess ġenerali u, għalhekk, *suġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku* (OSP)." [27] Bl-istess mod, fil-Gwida għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat, l-akkwisti pubbliċi u s-suq intern għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u b'mod partikolari għal servizzi soċjali ta' interess ġenerali, il-Kummissjoni tispjega li OSP "hu impost […] fuq il-bażi ta' kriterju ta' interess ġenerali li jiżgura li *s-servizz* hu pprovdut skont kundizzjonijiet li jippermettulu jwettaq il-missjoni tiegħu" [28].

44. Fl-aħħar nett, fid-dokument intitolat "Nota tad-DG Enerġija u trasport rigward id-Direttiva 2003/54/KE u 2003/55/KE dwar is-suq intern fl-elettriku u l-gass naturali", li tirrigwarda espressament is-settur inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Kummissjoni tirrileva, fil-paġna 2, taħt it-titolu "Tfakkira tad-definizzjoni legali tal-OSP", li l-kunċett ta' OSP applikat mill-Kummissjoni fis-settur tal-enerġija għandu l-istess tifsira bħal tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1191/69, l-Artikolu 86(2) KE (li sar l-Artikolu 106(2) TFUE) jew fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti tal-Ġustizzja.

45. Minkejja li l-ebda wieħed mid-dokumenti tal-Kummissjoni suċċitati ma għandu s-saħħa legali, jista' madankollu jiġi osservat li, meta dokumenti tal-Kummissjoni jagħmlu riferiment għall-OSPs, dawn dejjem jagħmlu hekk biex jindikaw il-provvista ta' servizzi jew prodotti speċifiċi [29].

46. B'kuntrast, il-leġiżlazzjoni sussidjarja u s-sentenzi tal-qorti, fir-riferiment tagħhom għall-eżistenza tal-obbligi ta' finanzjament, ma jippreżentawx dawn l-obbligi bħala li huma OSP, iżda pjuttost bħala kumpens intiż li jiffinanzja l-OSP assunti minn xi impriżi oħra [30]. Pereżempju, skont l-Artikolu 2(g) tar-Regolament Nru 1370/2007, "kumpens ta' servizz pubbliku" tfisser kwalunkwe benefiċċju, b'mod partikolari benefiċċju finanzjarju, mogħti direttament jew indirettament minn awtorità kompetenti mill-fondi pubbliċi matul il-perijodu ta' implimentazzjoni ta' obbligu ta' servizz pubbliku jew f'konnessjoni ma' dak il-perijodu". Bl-istess mod, is-sentenza fil-kawża ta' Altmark Trans and Regierungspräsidium Magdeburg [31] mhux talli ma tirrikonoxxix interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' OSP, iżda tagħmel riferiment għall-obbligi ta' finanzjament bħala li ma jaqgħux taħt il-kategorija ta' OSP, imma pjuttost bħala kumpens għall-OSP. Minn dan kollu jirriżulta li l-OSP jeħtieġ lill-operatur jagħmel jew jipprovdi xi ħaġa li hija f'ċerti każijiet ikkumpensata, u għalhekk huwa enfasizzat għal darb'oħra l-fatt li l-obbligu biss ta' ħlas ta' taxxa (irrispettivament mid-deskrizzjoni tiegħu) ma huwiex fih innifsu OSP.

25 Avviż tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, White Paper fuq is-servizzi ta' interess ġenerali [traduzzjoni mhux uffiċjali], COM(2004) 374 finali tat-12 ta' Mejju 2004, Anness 1.

26 Korsiv miżjud. COM (2004) 374 finali tal-24 ta' Mejju 2004, p. 23.

27 Korsiv miżjud. COM (2011) 900 finali tal-20 ta' Diċembru 2011, p. 3.

28 Korsiv miżjud. SWD(2013) 53 final/2 tad-29 ta' April 2013, p. 21.

29 Ara, pereżempju, l-Artikolu 1(18) tad-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 27, p. 69) jew l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (ĠU 2008 L 293, p. 3).

30 Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2001, Ferring (C-53/00, EU:C:2001:627, punt 26); tas-7 ta' Mejju 2009, Antrop *et* (C-504/07, EU:C:2009:290, punt 20), u, fis-settur tal-elettriku, tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punti 80 u 86).

31 Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003 (C-280/00, EU:C:2003:415, punti 87 *et seq.*).

47. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jirriżulta b'mod ċar, kif ġeneralment mifhum fid-dritt tal-Unjoni, li l-kunċett ta' OSP jirreferi għall-miżuri li abbażi tagħhom l-impriża jew l-impriżi huma obbligati jipprovdu servizzi jew prodotti li dawn l-impriżi ma kinux ser jipprovdu – jew għall-inqas mhux bl-istess mod jew abbażi tal-istess kundizzjonijiet -, li kieku ma ntalbux jagħmlu dan mill-Istati Membri sabiex jinkiseb l-għan ta' interess ekonomiku ġenerali.

48. L-obbligi ta' finanzjament huma separati u distinti mill-obbligi ta' servizzi pubbliku: l-obbligi ta' finanzjament jikkostitwixxu, fost l-oħrajn, mod wieħed kif tiġi ffinanzjata l-kisba tas-servizzi ekonomiċi ta' interess ġenerali. Peress li s-servizzi ekonomiċi ta' interess ġenerali jistgħu jiġu eżegwiti mill-Istat Membru stess, jistgħu jeżistu obbligi ta' finanzjament mingħajr ma jkun ġie impost OSP fuq xi impriża jew jistgħu jkunu OSP li ma jkunux ibbilanċjati mal-obbligi ta' finanzjament.

49. Rigward l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72, la l-formulazzjoni, la l-għan ta' dik id-direttiva, u lanqas il-kuntest ma jsostnu l-fehma li l-kunċetti ta' "OSP" u ta' "obbligu ta' finanzjament" għandhom tifsiriet differenti taħt din id-dispożizzjoni mill-kumplament tad-dritt tal-Unjoni.

50. Rigward il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2), dan l-artikolu jirreferi b'mod espliċitu għall-Artikolu 86 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 106 TFUE), li jfisser li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jitbiegħed mit-tifsira komuni mogħtija lill-OSP fid-dritt tal-Unjoni.

51. Rigward l-għanijiet, jista' jiġi dedott mill-premessa 3 tad-Direttiva 2009/72 li l-għan ta' din id-direttiva huwa l-kisba ta' suq intern tal-elettriku li jkun kompletament miftuħ u kompetittiv li fih il-konsumaturi kollha jkunu jistgħu jagħżlu b'mod ħieles il-fornituri tagħhom u l-fornituri kollha jkunu jistgħu jipprovdu l-prodotti tagħhom b'mod ħieles. Madankollu, mill-bidu nett, b'differenza mill-obbligi ta' provvista ta' servizz jew ta' prodotti partikolari, l-obbligi ta' finanzjament ma humiex tali li jippreġudikaw dan l-għan, jew jekk dan ikun il-każ, il-preġudizzju jsir f'miżura iżgħar.

52. Barra minn hekk, il-premessa 50 tad-Direttiva 2009/72 tipprovdi li din id-direttiva għandha l-għan li ssaħħaħ "ir-rekwiżiti tas-servizz pubbliku […] u l-istandards komuni minimi li jitnisslu minnhom […] biex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha […] ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-kompetizzjoni u minn prezzijiet ġusti" u li "ċ-ċittadini tal-UE u, fejn l-Istati Membri jqisu xieraq, l-impriżi ż-żgħar, għandhom ikunu jistgħu igawdu l-obbligi tas-servizz pubbliku, b'mod partikulari fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u fir-rigward ta' prezzijiet raġonevoli[…]". Isegwi li l-OSP, skont id-Direttiva 2009/72, huwa obbligu li jista' jiġġenera standards minimi komuni u li jista' jkun ta' benefiċċju għal kategorija ta' persuni mhux identifikati minkejja li dawn jistgħu ma jkunux il-konsumaturi finali. Għall-kuntrarju ta' dan, l-obbligi ta' finanzjament ma jiġġenerawx standards minimi komuni u għalhekk jassistu grupp identifikat ta' benefiċjarji, jiġifieri, jew l-Istati Membri, meta jiddeċiedu li jipprovdu huma stess is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali inkwistjoni, jew l-impriżi inkarigati li jwettqu dan is-servizz.

53. Rigward il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/72 jidher taħt il-kapitolu intitolat "Obbligi tas-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-klijenti". Il-fatt li d-Direttiva 2009/72 tirrigwarda kemm l-OSP kif ukoll il-konsumaturi jsaħħaħ ukoll l-idea li l-OSP huma obbligi ta' provvista ta' prodotti jew servizzi partikolari, prinċipalment, lill-konsumaturi.

54. Nirrileva wkoll li, skont l-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2009/72, "[m]eta jkun hemm kumpens finanzjarju, forom oħra ta' kumpens u drittijiet esklussivi li Stat Membru jagħti *għat-twettiq tal-obbligi previsti fil-paragrafi 2 u 3*, dan għandu jsir b'mod non-diskriminatorju u trasparenti"[32]. Dan juri li l-obbligu ta' finanzjament ma huwiex fih innifsu OSP, iżda għandu l-għan li jipprovdi kumpens lill-impriżi li għandhom iwettqu OSP.

32 Korsiv miżjud.

55. Finalment, fd-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ suġġett għall-kawża prinċipali, nenfasizza l-fatt li d-Direttiva 2009/72 ġiet adottata abbażi biss tal-Artikolu 95 KE (li sar l-Artikolu 114 TFUE), li t-tieni paragrafu tiegħu jipprovdi li dan l-artikolu ma jistax jintuża għall-adozzjoni ta' miżuri fiskali tal-Unjoni. Peress li l-obbligi ta' finanzjament, bħall-obbligu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li huma imposti fuq l-Istati Membri sabiex ikopru l-ispejjeż pubbliċi u mingħajr ebda benefiċċju immedjat għall-impriża kkonċernata, huma miżuri fiskali skont id-dritt tal-Unjoni, id-Direttiva 2009/72 għandha tiġi interpretata, ħlief f'sitwazzjonijiet speċifiċi, bħala li tkopri dawn l-obbligi [33].

56. F'każ li l-kunċett ta' OSP kellu jkun meqjus li jinkludi tali obbligu, dan ifisser li kull miżura fiskali jew għajnuna mill-Istat ikollha tiġi evalwata fil-kuntest tal-Artikolu 3(2), li ċarament din id-dispożizzjoni ma għandhiex dan l-għan.

57. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nemmen li taħt l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72, l-OSP għandu jinftiehem skont it-tifsira ġeneralment mogħtija lil dan il-kunċett fid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri bħala li jirreferi għall-obbligu ta' impriża li tipprovdi servizz (jew prodott) speċifiku abbażi ta' kundizzjonijiet (prezz, kwantità, kwalità, kontinwità tas-servizz eċċ.) li din l-impriża ma kinitx tapplika li kieku ma kinitx obbligata li tagħmel hekk mil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiġi żgurat is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. Għaldaqstant, l-OSP huma mod wieħed biss kif jiġu regolati l-attivitajiet ekonomiċi fl-interess ġenerali u metodu kif jinħatru terzi sabiex iwettqu dawn l-attivitajiet [34].

58. Din il-konklużjoni hija kompletament konsistenti maż-żewġ sentenzi eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li jirrigwardaw l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72. Fil-fatt, fil-kawża ta' Renerga [35], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet l-assenza ta' obbligu ta' servizz pubbliku impost fuq impriża mill-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma kinitx tipprevedi obbligu mandatorju fuq din l-impriża sabiex tipproduċi u tipprovdi l-elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Fil-kawża ta' Achema *et* [36], sabiex tistabbilixxi jekk ċerti sussidji għandhomx jitqiesu bħala kumpens għas-servizzi pprovduti mill-kumpanniji benefiċjarji sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' servizz pubbliku, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, fost elementi oħra, jekk dawn is-sussidji kinux jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi li jiġu pprovduti lill-konsumaturi finali jew lill-operaturi fis-settur tal-elettriku.

59. Għaldaqstant, naqbel mal-Kummissjoni li sabiex miżura tiġi kklassifikata bħala OSP skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72, ma huwiex biżżejjed li l-miżura tkun ġiet imposta fuq impriża waħda jew iktar biex iġġiegħel lil dawn l-impriżi jadottaw aġir speċifiku li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb l-għan li jiġu eżegwiti servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, iżda huwa meħtieġ ukoll li tali miżura tostakola lil dawn l-impriżi milli jwettqu servizz speċifiku jew jipprovdu prodott speċifiku taħt termini u kundizzjonijiet li ma humiex prattika komuni f'dan is-suq.

60. Għaldaqstant, l-obbligu, bħall-obbligu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' finanzjament tal-pjan ta' azzjoni intiż biex jinkoraġġixxi miżuri għall-iffrankar u għall-effiċjenza tal-enerġija [37] ma jistax jikkostitwixxi OSP skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72, anki jekk il-miżuri ffinanzjati għandhom l-għan li jwettqu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. Dan ma jfissirx li l-ebda wieħed mill-obbligi

33 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan f'UNESA *et* (C-105/18 sa C-113/18, EU:C:2019:395, punt 35). Matul is-seduta, fil-kawża preżenti, ir-rappreżentant tal-Gvern Spanjol sostna li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-obbligu ta' finanzjament inkwistjoni jikkostitwixxi eżekuzzjoni patrimonjali pubblika skont l-Artikolu 31 tal-Kostituzzjoni Spanjola u għalhekk huwa ta' natura fiskali. Madankollu, għandu jitfakkar li n-natura tat-taxxa, id-dazju jew l-ispiża għandha tiġi stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi tad-dritt tal-Unjoni, skont il-karatteristiċi oġġettivi li fuqhom hija imposta, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali. Ara s-sentenza tat-18 ta' Jannar 2017, IRCCS - Fondazione Santa Lucia (C-189/15, EU:C:2017:17, punt 29).

34 Il-metodu l-ieħor għall-ħatra ta' terzi huwa l-konklużjoni ta' kuntratt għal servizz pubbliku. Kuntratt għal servizz pubbliku jista' jiddefinixxi l-OSP. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-400/99, EU:C:2005:275), punt 65. Madankollu, il-metodu użat huwa drastikament differenti.

35 Sentenza tal-14 ta' Novembru 2018 (C-238/17, EU:C:2018:905, punt 26)

36 Sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punt 112)

37 F'dan ir-rigward, l-għan tal-pjan ta' azzjoni ma għandux jiġi mħallat mal-għan tat-tielet dispożizzjoni addizzjonali li tirrigwarda biss id-deċiżjoni li tagħmel lill-kumpanniji responsabbli għall-finanzjament ta' dan il-pjan.

ta' finanzjament inkwistjoni – li, għall-inqas f'ċerti aspetti, jidhru li għandhom in-natura ta' taxxa speċjali imposta fuq impriżi speċifiċi ta' enerġija – ma taqa' taħt xi regoli tad-dritt tal-Unjoni oħra, iżda pjuttost sempliċiment li dawn l-obbligi ma jaqgħux taħt l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72, u din hija d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

61. Konsegwentement, nipproponi li r-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54 u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72 ma għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-obbligu ta' finanzjament ta' pjan ta' azzjoni, bħal dak imsemmi fit-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010, jikkostitwixxi "obbligu ta' servizz pubbliku" fi ħdan it-tifsira ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

62. Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

V. Konklużjoni

63. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta li għandha tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel domanda magħmula mill-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja) kif ġej:

L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE ma għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-obbligu ta' finanzjament ta' pjan ta' azzjoni, bħal dak imsemmi fit-tielet dispożizzjoni addizzjonali tar-Real Decreto-ley 14/2010, de 23 de diciembre, por el que se establecen medidas urgentes para la corrección del déficit tarifario del sector eléctrico (id-Digriet-Liġi Rjali 14/2010 tat-23 ta' Diċembru li jistabbilixxi Miżuri Urġenti għall-Korrezzjoni tad-Defiċit Tariffarju fis-Settur tal-Elettriku), jikkostitwixxi "obbligu ta' servizz pubbliku" fi ħdan it-tifsira ta' dawn id-dispożizzjonijiet.